**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**JESMOND GATT**

**Illum 18 ta' Jannar, 2001.**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **JESMOND GATT** ta' disgha w ghoxrin sena, bin Gaetano u Maria nee Portelli, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Marzu, 1970 u joqghod Flat 1, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita numrui 211370M Gatt gie imressaq quddiemha u akkuzat talli :-

1. Fil-wiehed u ghoxrin (21) ta Settembru 1999 mill-Bugibba Holiday Complex li hija sitwata gewwa Triq it-Tuiristi, Bugibba matul il-gurnata kkommetta serq ta diversi oggetti fosthom apparat fotografiku, ammont ta' mitejn u hamsin lira maltin (LM250) fi flus kontanti (sterlini), credit cards u tmien (8) travellers cheques ta mitt lira sterlina 'l wahda, liema serq jeccedi l-valur ta' elf lira maltin (LM1,000) ghad-dannu tal-koppja Dryburgh, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur.

2. Talli f'Malta fl-istess zminijiet u cirkostanzi laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. Talli jinsab recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati erbgha w ghoxrin (24) ta Awwissu

2000, li jinsabu nseriti f'dan il-process a fol.89 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita kif jirrisulta mill-verbal tal-Qorti tal-ewwel (1) ta Settembru 2000 li jinsab a fol.92 tal-process.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet:-

Ikkunsidrat:-

Il-Prosekuzzjoni mal-presentata ressqet bhala xhieda ewlenija tal-kaz taghha lil konjugi Dryburgh l-allegati vitmi. **Marion Dryburgh** xehdet fl-erbgha w ghoxrim (24) ta Settembru 2000. Hija stqarret illi kienet residenti ma zewgha gewwa il-lukanda Bugibba Holiday Complex fil-kamra 1509 meta fit-tnej u ghoxrin (22) ta Settembru 2000 hija fethet il-gwardarobba taghha innotat illi l-*holdall* li kellha b'diversi dokumenti go fih ma kienx

hemm. Hija ghalhekk ghamlet rapport relattiv mal-pulizija tal-Qawra u rraportat dak kollu li sabet nieqsa bid-dettalji kollha. Hija kkonfermat illi sabet nieqes ammont ta flus kontanti u cioe STG 250, tmien (8) travellers cheques, video camera, camera tar-ritratti u xi bank cards. Zewgha Joseph ikkonferma dak kollu li qalet hi salv li ta aktar dettalji dwar l-apparat fotografiku li nsterqilhom, partikolarment qal illi l-ghamla tal-video camera kien Sharp waqt li l-ghamla tal-camera tar-ritratti kienet Elina. Huwa qal illi dawn l-oggetti kienu ta bintu u f'Malta ma kellux aktar dettalji dwarhom.

Xehed ukoll l-**Ispettur David Saliba** li ppresenta bhala dok DS2 tmien travellers cheques li l-konjugi Dryburgh gharfu bhala taghhom stante li fuq kull cekk kien hemm il-firma tas-sinjura Dryburgh.

**WPS 45** u **PC 10** spjegaw kif fit-tlieta w ghoxrim (23) ta Settembru 1999 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu, huma kienu ghaddejjin minn Testaferrata Street, Gzira meta raw karozza tal-marka Escort bajda pparkjata u l-imputat diehel go fiha flimkien ma certu Silvio Cacciattolo. Huma hasbu hazin u ghalhekk minnufih marru fuqhom. WPS 45 tghid illi hija marret fuq l-imputat u ratu jibla xi haga pero ma kienitx f'posizjoni tghid

x’kienet u ratu jpoggi xi karti taht saqajh bejn il-pala ta siequ w l-vettura. Hija gabrithom u rrisultaw li kienu t-tmien travellers cheques li sussegwentement gew esebiti l-Qorti mil-Ispettur David Saliba u gew markati bhala dok DS 2 w identifikati mill-konjugi Dryburgh bhala proprjeta taghhom. Meta l-imputat gie mistoqsi jekk ic-cekkijiet kienux tieghu a tempo vergine jghid li kienu tieghu u lil WPS 45 qalilha li kien sabhom barra fit-triq waqt lil PC 10 qallu li kienu tieghu. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni ohra dwar il-pusess taghhom.

**Silvio Cacciottolo** wkoll xehed u qal li jaf lill-imputat hdejn id-Detox. Dak in-nhar huwa kien bil-qieghda fuq l-ghatba tat-‘Tulip Bar’ l-Gzira meta f’daqqa u ‘l hin ghadda l-imputat u talbu lift. Appena kien ser jirkeb gol-vettura sabiex iwaslu marrru fuqhom il-pulizija.

Illi minn esami tal-istqarrija tal-imputat li tinsab esebita a fl. 24A tal-process markata bhala dok. DS1 jirrisulta li t-travellers cheques kienu tal-imputat u fil-fatt instabu f’idejh, ghalkemm fl-istess nifs ighid li ma kien jaf xejn dwarhom. Il-Qorti thoss illi din l-istqarrija hija daqxejn konflingenti fil-kontenut taghha, ghaliex l-ewwel l-imputat ighid haga u sussegwentement ighid haga ohra, u

ma tantx tghati kredibilta lill-imputat. In oltre meta l-imputat xehed il-Qorti minn jeddu rega ta versjoni differenti fis-sens li qal li c-cekkijiet ma kienux tieghu, ma kienx jaf x'inhuma u fil-fatt zied ighid illi huwa la jaf jaqra u lanqas jikteb.

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka u tghid li thossha ferm sorpriza kif la d-difiza u lanqas il-prosekuzzjoni ma ghamlet domandi lill-imputat rigward is-serqa tal-Holiday Complex, fis-sens jekk jaf fejn hi din il-lukanda, jekk fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settmebru kienx Bugibba u domandi simili. Donnha il-prosekuzzjoni striehet fuq il-fatt tas-sejba tat-travellers cheques biss.

Il-Qorti ghalhekk trid issa tghamel l-esercizzju sabiex tara jekk mill-fatti fuq esposti l-prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat.

Il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat primarjament bl-akkuza ta serq kif aggravat ghad-detriment tal-konjigi Dryburgh. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ghada tar-rapport tas-serqa, fil-ghodu kmieni u cioe fit-tlieta ta' filghodu, u cioe fit-tileita w ghoxrin (23) ta' Settembru 1999 l-imputat instab fil-pusess tat-

tmien travellers cheques li l-allegati vitmi gharfu bhala taghhom. L-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni valida jew gusta dwar il-pusess taghhom. Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li tapplika t-teorija ta pusess ricenti ta haga misruqa. Fil-fatt hawnhekk il-Qorti tghamel referenza ghal dak li ighidu l-awturi Inglizi fuq dan is-suggett.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** 1996 pg.1813 para F3.28 jiddisponi is-segwenti:-

> "*In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced is untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly.*"

**Cross and Tapper** fil-ktieb taghhom '**Evidence**' pagna 35 ighati l-istess spjegazzjoni ghat-teorija in esami u cioe huma ighidu s-segwenti:-

> "*If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen.*"

Meta l-avukat difensur tratta fuq dan il-punt huwa sostna illi l-oggetti misruqa ma instabux ghand l-imputat immedjatament wara li s-serqa giet rapportata izda l-ghada u ghalhekk kien hemm hafna zmien sabiex l-oggetti in kwistjoni jigu trasmessi minn id ghal id u ma ifissirx li kien l-imputat li kkommetta s-serqa.

Dwar il-hin necessarju sabiex il-pussess jissejjah ricenti l-Qorti tghamel referenza ghall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil **Cross and Tapper** li ighidu is-segwenti.

> "*It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict.*"

**Archbold** fl-opera fuq citata ighid:-

> "*Relevant factors include the nature of the property, its salability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged.*"

Din it-teorija tal-pusess ricenti tal-haga misruqa ilha ghal numru konsiderevoli ta snin dejjem tigi accettata u addottata mill-Qrati taghna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Silvano Cilia *deciza fil-wiehed u tletin ta Mejju 2000***. Din it-teorija kif gie ritenut fis-sentenza moghtija ***nhar il-hdax ta Dicembru 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Freddie sive Alfred Zahra'**, qieghda hemm sabiex jigi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta serq, li ghandu fl-

ewwel lok jigi ppruvat li sar, u s-suspettat li ghandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-hin  jew zmien wara s-serqa, nexus li purche jigu stabbiliti r-rekwiziti kollha ta din it-tejorija  Jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-pusessur  bis-serq tal-oggett misruq ghandu ftit tal-hin wara s-serqa..  Jinghad hawnhekk li l-imputat la fl-istqarrija tieghu u lanqas fix-xhieda li ta l-Qorti viva voce ma jaghti spjegazzjoni ta kif fil-fatt gie fil-pusesss tac-cekkijiet misruqa.

Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni ta fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa fuqu.  Il-prosekuzzjoni irnexxilha minghajr dubbju ta xejn  tipprova li l-imputat kien fil-pusess tac-cekkijiet misruqa f'cirkostanzi dubbjusi waqt li l-imputat ma offra l-ebda spjegazzjoni fl-ebda hin.

Illi ghalhekk a bazi ta din it-teorija il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jisab hati tas-serq kif aggravat bil-valur, stante li l-valur tal-oggetti li gew misruqa jeccedi l-mitt lira maltin.  Dwar l-aggravju tal-mezz din ma tirrizultax provata ghaliex minn imkien ma gie provat kif sar id-dhul fl-imsemmija kamra tal-Bugibba Holiday Complex.  Id-derubati fl-ebda hin ma stqarru illi kien hemm xi sgass jew li kellhom il-bieb imsakkar u sabuh miftuh.

Dwar it-tieni akkuza u cioe dik ta ricettazzjoni, il-Qorti tirrileva li din l-akkuza inghatat mill-prosekuzzjoni b'mod alternattiv ghall-akkuza ta' serq f'kaz ma tirrisultax provata. Ghalhekk stante li l-Qorti qed issb lill-imputat hati tal-akkuza ta serq mhiex qed issibu hati tal-akkuza ta ricettazzjoni u tilliberah minnha.

Dwar it-tielet akkuza u cioe dik ta recidiva, il-Qorti thoss illi din hija akkuza separata u distinta minn kull akkuza ohra u l-effett ta' tali akkuza hu li l-Qorti tkun tista zzid il-piena bi grad f'dawk ic-cirkostanzi li jidhrilha xieraq u opportuni. Din hija diskrezzjoni li tithalla f'idejn il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat l-atti b'mod dettaljat u jirrisulta li l-prosekuzzjoni esebiet diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta Malta fil-konfront tal-imputat. B'verbal registrat fl-atti a fol. 77 tal-process id-difiza kienet ezentat lil-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lill-Ufficcjali tal-Pulizijza sabiex jikkonfermaw l-identita tal-imputat fil-konfront tas-sentenzi esebiti f'dawn il-proceduri peress illi l-imputat iddikjara illi huwa jaf u jaqbel illi dawk l-istess sentenzi markati dok. CSH, CSH1, CSH2 u CSH3 inghataw fil-

konfront tieghu.  Ghalhekk m'hemmx dubbju li din it-tielet akkuza ta recidiva tirrzulta provata ukoll.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali a fol.89 tal-process u tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza ta serq aggravat bil-valur u talli huwa recidiv izda mhuz hati tal-akkuza ta serq aggravat bil-mezz u ta ricettazzjoni u minn tali akkuzi tilliberah.

Dwar piena, il-Qorti rat ic-cirkostanzi tal-kaz u in partikolari il-fedina penali tal-imputat minfejn jirrisulta numru ta reati registrati fuqha  u cioe mis-sena 1986 sa Frar 2000 huwa kien diga nstab hati ta' sbatax l-akkuza li jirrigwardaw diversi reati ta serq, ingurja, pusess ta' droga fost diversi ohrajn.  Illi ghalhekk minn esami tal-istess jirrisulta li l-imputat ghalkemm inghata diversi chances sabiex jirriforma ruhu tant li nghata diversi multi, conditional discharge u probation u fil-fatt anke perijodu ta habs kien ghamel, dan nonnostante rega qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Il-Qorti semghet lil Michelle Sultana, probation officer tixhed u tghid illi hija bdiet issegwi lil-imputat mit-tlieta w ghoxrin

ta' Gunju 2000 wara li huwa kien inghata probation order mill-Qorti diversament preseduta. Hija qalet li l-imputat huwa disokkupat u ghandu problema ta droga u fil-fatt qed jattendi id-Detox centre b'mod regolari. Huwa ghandu zewgt itfal ghalkemm mhux mizzewweg u li uliedu jghixu fl-istitut. Kors ta rihabilitazzjoni l-imputat qatt ma segwa.

In vista ta dan kollu ghalhekk il-Qorti ma thossx illi ghandha tkun klementi mal-imputat u fil-fehma taghha piena karcerarja hija l-piena idoneja sabiex b'hekk l-imputat ikun f'posizjoni ahjar li jindirizza l-problemi serji li ghandu.

**Il-Qorti ghalhekk qed tikkundanna lill-imputat JESMOND GATT ghall-piena karcerarja ta sentejn mill-llum. Tghamel ir-rakkomandazzjonijiet taghha lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta Kordin li jghin lill-imputat jibda il-kors organizzat mis- SATU sabiex b'hekk forsi ifiq minn dan il-vizju mishut u jerga jibda it-triq it-tajba.**

Rigward it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas xi spejjes inkorsi ghan-nomina ta esperti jew periti fil-proceduri kriminali, il-Qorti ezminat l-atti processwali u ma

jirrisultax illi kien hemm xi nomina tul il-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tali talba qed tigi michuda.

**Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Magistrat**